Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,382, 3 ta' April, 2020

Taqsima B

A.L. 136 tal-2020

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Taħrikiet tat-Tribunali Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6 u 13 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Taħrikiet tat-Tribunali Lokali, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehemu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Taħrikiet tat-Tribunali Lokali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 291. 01.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (i) tat-tifsira "l-aħħar indirizz reġistrat", għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(i) fir-rigward ta' persuna, l-indirizz muri għal dik il-persuna fuq id-dokument tal-identità tiegħu/tagħha;";

(b) minnufih qabel it-tifsira "att ġudizzjarju" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali stabbilita permezz tal-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali; L.S. 595.14.

"l-Aġenzija Identità Malta" tfisser l-Aġenzija stabbilita permezz tal-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta;."; L.S. 595.07.

(ċ) minnufih wara t-tifsira "dikjarazzjoni" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "dokument tal-identità" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha permezz tal-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità;". Kap. 258.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. minnufih wara r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Setgha tal-Aġenzija li titlob informazzjoni mingħand l-Aġenzija Identità Malta.

17. L-Aġenzija hija intitolata titlob mingħand l-Aġenzija Identità Malta kull informazzjoni rigward l-aħħar indirizz reġistrat ta' kull persuna fiżika għal finijiet ta' dawn ir-regolamenti.".